# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 41/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**CMA**

**vs**

**SMA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CMA, datat 29 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlettax t'Ottubru tas-sena elf, disa' mija, sitta u disghin (13.10.1996) u miz-zwieg taghhom twieldu zewg ulied, E u M, nhar id-dsatax ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (19.12.1998) u nhar l-erbatax ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (14.02.2001) rispettivament;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Rachel Mallia nhar is-sebgha u ghoxrin ta' frar tas-sena elfejn u erbatax (27.02.2014) (Dok A anness);*

3. *Illi skont l-istess kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt reciproku li jitolbu u jottjenu manteniment ghal xulxin; filwaqt li l-esponent dejjem hallas ghall-manteniment taz-zwieg ulied u ghalhekk llum m'hemm ebda pendenza ta' manteniment bejniethom;*

4. *Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni,*

*anke l-ghaliex, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SMA, datata 21 ta' Frar 2019, a fol 22, li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata ma topponix ghat-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqwbel ma dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti.*

2. *Illi l-intimata titlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi tirrverti ghal kunjom xbubitha 'V' peress illi dan ma sehhx fil-kuntratt ta' separazzjoni personali.*

*Ghaldaqstant l-intimata titlob illi t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha u li tirriverti ghal kunjom xbubitha 'V', dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidhirlha xierqa u opportuni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;
Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CMA** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-13 t'Ottubru 1996 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-27 ta' Frar 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, versu liema huwa jhallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**SMA** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

***kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi in segwitu taz-zwieg taghhom tat-13 ta' Ottubru 1996 (vide Dok X, a fol 18), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Frar 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok A, a fol 3 et seqq.).

Il-Qorti rat illi ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemm l-ebda tama ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u tawtorizza lil SMA sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe V u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**